

32005D0311

19.4.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 99/15

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-18 ta' April 2005****dwar li jiġi estiż l-għarfien limitat ta' "RINAVE — Registro Internacional Naval, SA"**

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 1156)

(It-test Portugiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/311/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar regoli u standards komuni għall-organizzazzjonijiet li jwettqu spezzjonijiet u servejs tal-vapuri u għall-attivitajiet marbuta ma' l-amministrazzjonijiet marittimi⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-direttiva 2001/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-ittri bid-data tal-25 ta' Marzu 2003 u t-8 ta' Mejju 2003 mill-Awtoritajiet Portugiżi, li jitolbu li jiġi estiż l-għarfien limitat ta' RINAVE — 'Registro Internacional Naval, SA' (minn issa 'l quddiem "RINAVE") skond l-Artikolu 4 (2) u (3) tad-direttiva hawn fuq imsemmija, għal żmien bla limitu,

Billi:

- (1) L-għarfien limitat skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 94/57/KE huwa għarfien mgħoti lil organizzazzjonijiet (soċjetajiet ta' klassifikazzjoni) li jissodisfaw il-kriterji kollha ħlief dawk stipulati fil-paragrafi 2 u 3 tat-taqsimha "Ġenerali" ta' l-Anness, iżda li huwa limitat fiż-żmien u fl-iskop sabiex l-organizzazzjoni interessata tista' tikseb aktar esperjenza.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Lulju 2000 għarfet lir-RINAVE fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4(3) għall-Portugall, għal perijodu ta' tliet snin⁽²⁾.
- (3) Il-Kummissjoni vverifikat li RINAVE tissodisfa l-kriterji kollha ta' l-Anness tad-Direttiva hawn fuq imsemmija ħlief dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 tat-taqsimha 'Ġenerali' ta' l-Anness, inklużi d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(5).

- (4) Aktar minn hekk il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni uriet id-dipendenza ta' l-organizzazzjoni fuq ir-regoli tekniċi ta' organizzazzjoni oħra rikonoxxuta.
- (5) Matul il-perijodu 2000-2003, id-dokumenti dwar ir-rendiment ta' RINAVE fir-rigward tas-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġiż kif kienu ppublikati mill-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi wrew konsistentement l-oġhla livelli.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stipulata fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 94/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għarfien limitat ta' "RINAVE — Registro Internacional Naval, SA" qed jiġi estiż skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE għal perijodu ta' tliet snin mid-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-effetti ta' l-għarfien estiż huma limitati għall-Portugall.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmula fi Brussell, fit-18 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni

Jacques BARROT

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 319,12.12.1994, p. 20. Direttiva emendata bid-Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill (ĠU L 324,29.11.2002, p. 53).

⁽²⁾ ĠU L 193,29.7.2000, p. 91.